Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell: 274/2010

**George Montanaro u martu Marcelle Montaro (appellanti)**

**Vs**

**Chairman, Korporazzjoni Enemalta u Enemalta plc (C65836) li b'nota tal-10 ta' Settembru 2014 assumiet l-att minflok Korporazzjoni Enemalta u Liquigas Malta Limited (appellati)**

28 ta' Marzu, 2017.

1. B'sentenza tal-15 ta' Lulju, 2015 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) cahdet it-talba tal-atturi sabiex tikkundanna lill-konvenuti jhallsu d-danni li sofrew fil-fond 40, Triq il-Vittma tal-Gwerra, Birkirkara wara spluzjoni li grat fl-1 ta' Lulju 2010 u li ma kinux iktar minn €4,000. L-ewwel qorti kkonkludiet:

   *"Il-konvinzjoni tal-Qorti bbazata fuq probabbiltajiet issib konfort fir-rapport peritali tal-esperti nominati fil-perizja perizjuri u dan ghaliex huma dehru aktar kapaci sabiex jiggustifikaw il-konkluzjoni taghhom b'mod xjentifiku. Mentri l-Perit Tekniku Victor Bonello aktar qaghad fuq l-esperjenza u twemmin milli fuq testijiet xjentifici u teknici u ghalhekk din il-Qorti thossha komda li tiskarta ir-rapport tieghu. Il-Qorti ssostni li kemm il-kostatazzjonijiet tal-periti teknici nominati mill-Qorti fil-perizja perizjuri, kif ukoll il-kunsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti taghhom, jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta' fatt xjentifici li ghandhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma hix obbligata li taccetta r-rapport tekniku tal-Inginier Bonello bhala prova determinanti stante li huwa bazat biss fuq twemmin u ghalhekk ghandha dritt li tiskartah kif tista' tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero' hu ritenut minn din il-Qorti li hija ghanda taghti piz debitu ghall-fehma teknika tal-esperti nominati fil-perizja perizjuri mill-Qorti, billi l-Qorti ma ghandhiex leggerment tinjora dik il-prova.*

   *Hu manifest mill-atti illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setghax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma setghetx thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa mill-ewwel perit u b'hekk m'ghandix tezita li tiskarta dik l-opinjoni tieghu la fil-fehma taghha, fid-dawl tal-provi mismugha, ir-rapport tal-perizja perizjuri hija aktar sodisfacenti bhala raguni lejn min din il-Qorti ghandha tattribwixxi t-tort.*

   *Peress illi din il-Qorti mhix qed issib tort fl-operat tal-konvenuti, stante li l-kagun tal-incident kien ir-regolatur li kien diffettuz, hija mhux ser tiddiskuti l-quantum tad-danni li l-atturi kienu qed jippretendu minghand l-istess konvenuti".*

2. L-atturi appellaw mis-sentenza. L-aggravji huma relatati mal-kap tal-ispejjez u l-meritu tal-kawza.

3. Il-konvenuti wiegbu fejn taw ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

## 4. **Fatti.**

i. Fit-30 ta' Gunju, 2010 l-atturi bidlu c-cilindru tal-gass. Kif l-attrici fethet ir-regolatur hareg il-gass u sejhet lil zewgha, li gralu l-istess. Ghalhekk bidlu r-regolatur. Meta xeghelu l-gass, il-hobb hadem izda l-fjamma kienet fl-ahmar.
ii. Fl-1 ta' Lulju, 2010 l-atturi kellhom incident fil-kcina meta sehhet spluzjoni fil-hobb tal-kcina hekk kif l-attrici xeghlet il-gass, u saret hsara fil-hobb.
iii. Dakinhar stess certu Brian Schembri, tal-konvenuta Liquigas Malta Ltd, mar jispezzjona c-cilindri tal-gass u ghamel rapport ta' difett f'zewg cilindri tal-gass. Ir-rapporti kienu, *"overfilled cylinder"*. Irrizulta li Schembri kien ilu xahrejn biss jaghmel dan ix-xoghol. Fir-rapport nizzel ukoll li wiehed mic-cilindri kellu pressjoni ta' 6 *bars* u l-iehor 5 *bars*.
iv. Meta mar l-inginier Mario Magri d-dar tal-atturi, gharrafhom li l-incident ma sehhx minhabba *overfilling* ta' cilindru izda ghaliex ir-regolatur kien difettuz.

5. Fir-rigward tal-aggravju relatat mal-meritu, l-atturi jsostnu li kien it-technician Brian Schembri li kkonkluda li t-tank tal-gass kien *overfilled* (ara *Faulty Gas Cylinder/Tank Report*). Pero' meta xehed Schembri u gie mistoqsi ghalfejn kiteb li t-tankijiet kienu *overfilled*, wiegeb (fol. 52):

*"Pero' f'dan il-kaz ghalkemm ktibt hekk, fil-fatt ma kienx hekk. Li gieni go mohhi dak il-hin li forsi kellu ftit iktar pressa milli supppost u kien ghalhekk illi jiena baxxejtlu l-pressa. U l-iktar haga li taghmel vicin ghall-overpressure fuq il-karta hija overfilled, u ghalhekk immarkajt l-overfilled. M'hemmx kaxxa bil-kliem overpressure"*.

Qal ukoll li:

- Meta mar fid-dar tal-atturi, kien ilu xi xahrejn jahdem;
- Li m'huwiex persuna teknika u xogholu hu li jizgura li ma jkunx hemm periklu;
- Ma wizinx ic-cilindru;

L-atturi jippretendu li din il-qorti ghandha tqies li hi iktar verosimili l-opinjoni tal-ewwel perit tekniku minn dik li taw il-periti addizzjonali. L-ewwel perit tekniku qal (fol. 105):

*"4. Il-fatti juru li ladarba kien hemm zewg cilindri ugwali fuq il-bejt, it-tnejn godda, il-pressjoni messha kienet l-istess. Il-fatt li c-cilindru fl-incident kellu pressjoni ghola, ta' 6 bar imqabbla ma' 5 bar tac-cilindru l-iehor, jimplika li dan ic-cilindru vera seta' kien mimli aktar milli suppost"*.

Fir-rapport qal ukoll li meta cilindru tal-gass ikun mimli zzejjed, il-gass forma ta' likwidu jasal sar-regolatur, u:

*"Dan huwa ta' detriment ghal partijiet sensittivi tar-regolatur, partikolarment is-seals u d-dijaframma, b'possibilta' li tkun saritilhom il-hsara".*

Zied (fol. 104):

*"Ghalhekk, minkejja li ma giex zgurat bi provi cari li c-cilindru kien mimli zzejjed, il-fatt li s-sinjura Montanaro kienet qed issajjar u ghalhekk tuza regolatur, spicca l-gass, bidlet ic-cilindru, ir-regolatur thassar, u t-tieni regolatur thassar ukoll, kollox jindika li l-possibilta' li c-cilindru kien mimli zzejjed setghet kienet fatt, ghax dan gieghel zewg regolaturi, li aktar u aktar ghax antiki, jigu mhassra bil-kuntatt tal-gass f'forma ta' likwidu".*

Skont l-ewwel perit tekniku,sabiex jigi determinat jekk cilindru tal-gass ikunx *overfilled*:-

i. It-tank tal-gass kellu jintizen; jew
ii. Meta jintaghfas il-valve tac-cilindru, johrog il-likwidu[1].

Ma jirrizultax li c-cilindru tal-gass kien intizen u lanqas m'hemm prova li hareg likwidu mic-cilindru tal-gass. Ghaldaqstant, Schembri ma kellux jikkonkludi li d-difett kien ta' *overfilling* tac-cilindru tal-gass. Il-qorti fehemet ukoll li pressjoni ta' 5 jew 6 bar ma jfissirx li c-cilindru hu *overfilled*. F'dan ir-rigward fir-rapport tal-periti addizzjonali jinghad li r-regolatur ikun imwahhal fil-parti ta' fuq tac-cilindru u dan iservi sabiex inaqqas il-pressjoni tal-LPG li jkun hemm fic-cilindru (fol. 172):

*"(....) bejn 2-12 bar ghal bejn 28-35 millibar. Ic-cilindri tal-gass jkunu ttestjati ghal bejn 25 u 30 bar".*

Inoltre, ma jirrizultax li l-ewwel perit tekniku fetah iz-zewg regolaturi, kif ghamlu l-periti addizzjonali. Fir-rapport addizzjonali inkiteb li meta l-periti gudizzjarji fethu l-ewwel regolatur, *"(.....) rajna mill-ewwel illi dan deher li spicca u l-mekkanizmu li kellu gewwa fih kien iddeterjorat inkluz id-diaframma kif ukoll il-molla. Dan kien mimli frak tas-sadid u bla dubju juri f'liema kundizzjoni jidher li kien dan ir-regolatur"* (ara ritratti numru 4,5 u 6). B'hekk ikkonkludew:

*"1. Huwa fatt illi l-ewwel regolatur kien hazin u ma kienx qieghed jaqdi l-funzjoni tieghu, jigifieri li inaqqas l-pressjoni tal-gass..... Dan wassal billi hekk kif ic-cilindru gie mqabbad ma'*

[1] *"(....) meta zzomm ic-cilindru wieqaf minghajr ir-regolatur, taghfaslu l-valve u hemmhekk johrog likwidu, u jekk ma jkunx over filled u taghfaslu l-valve ta' fuq johrog gass"* (fol. 119).

*dan ir-regolatur, pressjoni ferm akbar milli suppost ghaddiet ghall-hobb tal-kcina fejn dan jidher illi saret hafna hsara fih. Dan wassal illi fil-hobb ingemgha ammont sostanzjali ta' gass*.........

*Ahna bhala l-periti teknici li gejna mqabbda mill-Qorti tal-Magistrati naghtu l-konkluzjoni taghna minn fuq dak illi qrajna, smajna u spezzjonajna illi* ***dak li gara lill-familja Montanaro kien rizultat tal-hsara li kellu l-ewwel regulatur li garrab minhabba z-zmien li kellu u minhabba li kien espost ghall-ambjent. Fl-opinjoni taghna minhabba li r-regulatur ma hadimx kif suppost, ghaddiet pressjoni gholja aktar milli suppost fil-hobb u dan garrab hsara li rrizultat fi tnixxiegha ta' gass li akkumula fil-hobb****. Dan il-gass sploda meta gie espost ghal shana jew fjamma. Fl-opinjoni taghna l-hsara li garrab il-hobb ma hijiex konnessa bl-ebda mod mal-pressjoni li kien hemm fic-cilindri tal-gass"*.

Mill-kundizzjoni li fih instab l-ewwel regolatur, probabilment kien diga' difettuz meta twahhal mat-tank tal-gass li kellu pressjoni ta' 6 bar. Fatt li jikkontradici dak li qal l-ewwel perit tekniku li r-regolatur sar difettuz meta' twahhal mat-tank tal-gass li fih kien hemm pressjoni ta' 6 bar. Inoltre, kuntrarjament ghal dak li rrelata l-ewwel perit tekniku li *"t-tieni regolatur thassar ukoll"*, mhux hekk ikkonkludew il-periti addizzjonali wara li fethuh. Fil-fatt l-attur ikkonferma li bil-lejl kienu sajru fuq il-hobb[2]. Il-periti ziedu (fol. 178):

*"3. Hekk kif gie mqabbad* ***it-tieni regulatur dan beda jaqdi l-funzjoni****, izda l-hsara li grat fil-hobb kienet diga' qieghda hemm"*.

Spjegaw ukoll li l-fjamma l-hamra li raw l-atturi kif xeghelu l-hobb (fol. 179) wara li tpogga t-tieni regolatur,

*"(....) kienet frott* ***tal-frak tas-sadid illi beda jaghmel reazzjoni mal-istess fjamma u liema frak kien hareg minn gewwa l-ewwel regulatur****"*.

M'hemmx kontestazzjoni li l-ewwel regolatur kien difettuz. Pero' ladarba jidher li l-ewwel perit tekniku ma fethux, ifisser li ma hax in konsiderazzjoni fatt li l-periti addizzjonali saru jafu bih wara li fethu r-regolaturi.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet ma jirrizultax li l-ewwel qorti ghamlet xi zball manifest meta ghazlet li tistrieh fuq l-opinjoni tal-periti addizzjonali u mhux tal-ewwel perit tekniku.

6. L-atturi jsostnu li l-konkluzjoni tal-periti addizzjonali kellha tigi skartata ghaliex:

---

[2] *"Meta wahhalt it-tieni regolatur pero' gass ma harigx. Nixtieq nghid illi filghaxija meta xeghlnih, xaghlet fjamma hamra. Sajjarna u kilna"* (fol. 85).

i. Ir-regolaturi infethu erba' snin wara l-incident;
ii. Saru difettuzi kemm minhabba li saret l-ispluzjoni u kif ukoll minhabba z-zmien.

Hu fatt li l-perit addizjonali spezzjonaw ir-regolaturi ftit iktar minn erba' snin wara l-incident. Pero' l-qorti tosserva li:

i. M'hemmx prova teknika li dak li sabu fl-ewwel regolatur kien rizultat ta' trapass ta' zmien jew minhabba l-ispluzjoni. L-ewwel regolatur ma kellu x'jaqsam xejn mal-ispluzjoni. Ghalkemm fuq it-tieni regolatur kien ghadda l-istess zmien, meta nfetah instab intatt.
ii. Meta sehhet l-ispluzjoni, kien hemm it-tieni regolatur imwahhal. Meta l-perit addizzjonali fethuh, instab li kien f'kundizzjoni tajba u ma kellu xejn hazin. L-atturi argumentaw li, *"Hija haga logika li bl-ispluzjoni r-regolatur issirlu hsara ....."* Pero' dan hu kontradett minn dak li sabu l-periti addizzjonali meta fethuh. Dan apparti li c-cilindru tal-gass u r-regolatur kienu fuq il-bejt, u ghalhekk l-ispluzjoni li kien hemm fil-hobb ma kellhiex effett fuqhom. Tant hu hekk li meta nfetah it-tieni regolatur instab f'kundizzjoni tajba.

7. Ghal dak li jirrigwarda l-aggravju fir-rigward tal-kap tal-ispejjez, l-atturi jsostnu li:

*"(.....) ma kellhomx jigu kkundannati l-ispejjez tal-kawza tenut kont li kien it-technician Brian Schembri liema technician baghtuh fuq il-post is-socjeta intimata appellant Liquigas biex jikkonstata x'gara u kien hu li kkonstata li c-cilindru kien overfilled u difatti ghamel zewg fault reports ghaz-zewg cilindri li kellhom l-atturi".*

Ir-regola generali hi li l-ispejjez tal-kawza jaghmel tajjeb ghalihom it-tellief, u hekk gara f'dan il-kaz. Inoltre, mill-provi rrizulta li qabel l-atturi pprezentaw il-kawza kienu gew infurmati mill-inginier Magri li l-incident ma kellux x'jaqsam ma' *overfilling* ta' cilindri u li dak li gara kien minhabba regolatur difettuz. F'dan ir-rigward l-attur xehed (fol. 86):

*"Huwa minnu li meta gie l-inginier tal-Enemalta kien qalli li dak li kiteb it-technician ma kienx korrett u jiena rrispondejtu li kont se nimxi fuq il-karta li kitbli t-technician".*

Ghalhekk sa minn qabel ipprezentaw il-kawza kienu jafu li hemm kontestazzjoni ghal-pretensjoni taghhom.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-atturi.**

Anthony Ellul.